



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0580/2021**

29.11.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera Belarussa

**Tom Vandendriessche, Filip De Man, Roman Haider, Susanna Ceccardi,  
Georg Mayer, Harald Vilimsky, Nicolaus Fest, Teuvo Hakkarainen,  
Maximilian Krah, Gerolf Annemans, Mathilde Androuët, Laura  
Huhtasaari**

**B9-0580/2021**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-fruntiera Belarussa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minn Awwissu 2021 in-numru ta' qsim illegali tal-fruntiera tal-UE mal-Belarussja qabeż it-30 000; billi l-Polonja ddikjarat l-istat ta' emerġenza fil-fruntiera;
- B. billi l-Belarussja, taħt it-tmexxija awtokratika ta' Alexander Lukashenko, skortat lill-migranti sal-fruntiera tal-UE, bit-tir li tuża lill-migrazzjoni bħala arma kontra l-UE; billi l-Presidenten Tork, Recep Tayyip Erdoğan, fl-imgħoddi uża strateġiji simili;
- C. billi l-Polonja ħabbret l-intenzjoni tagħha li tibni ħajt ta' konfini; billi l-Parlament Pollakk approva leġislazzjoni li tippermetti t-tkeċċija tal-immigranti lejn il-Belarussja; billi l-Kummissjoni ddenunzjat iż-żewġ inizjattivi;
1. Jisħaq fuq il-fatt li t-tmexxija awtokratika tal-Belarussja u tat-Turkija qiegħda tuża lill-migranti bħala arma kontra l-UE; jikkundanna bil-qawwa dawn it-tentattivi ta' destabilizzazzjoni;
  2. Jesprimi s-sostenn tiegħu lill-Istati Membri li jggarantixxu s-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-UE u permezz ta' dan jaqdu l-obbligi skont it-Trattati b'kull mezz neċessarju;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni ssostni lill-Istati Membri fid-difiża u fis-sigurtà tal-fruntieri tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi għall-bini tal-ilqugħ fil-fruntiera bejn il-Polonja u l-Belarussja.